MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 71/2009

**Carmelo sive Charles Saliba**

**vs**

**L-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta, Dottor Joseph Zammit Tabona, Raffaella Zammit Tabona, Andrea Zammit Tabona**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta'Carmelo sive Charles Saliba debitament konfermat bil-gurament fejn gie premess:-

Illi permezz ta' citazzjoni pprezentata fir-registru tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Gunju 2000, l-

intimati Zammit Tabona talbu illi l-imsemmija Onorabbli Qorti:

(a) tiddikjara li r-rikorrent kien il-promotur u organizzatur ta', u li ha sehem attiv fir-rapina li saret kontra l-atturi fid-dar taghhom ta' abitazzjoni 68 Main Street, San Giljan fil-lejl tat-12 ta' Mejju 1995.

(b) tiddikjara illi r-rikorrent responsabbli lejn l-atturi ghad-danni kollha minnhom sofferti minhabba l-istess rapina.

(c) tillikwida l-istess danni, u

(d) tikkundanna lir-rikorrent ihallas lill-atturi appellati, bl-imghax mid-data tas-sentenza, l-ammont kollu tad-danni hekk likwidati, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju 1998.

Illi permezz tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, r-rikorrent eccepixxa inter alia illi, assolutament ma huwiex minnu illi huwa b'xi mod kien partecipi fis-serqa tat-12 ta' Mejju 1995 imsemmija mill-atturi u l-pretensjoni tal-atturi hija kompletament bla bazi u hija ntiza biss sabiex tikkawza danni lill-konvenut kif ahjar dettaljatament spjegat fil-Protest Gudizzjarju pprezentat mill-konvenut kontra l-istess atturi fis-26 ta' Gunju, 2000.

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Dr Joseph Zammit Tabona u martu May Zammit Tabona versus Charles sive Charlie Saliba" fl-10 ta' Ottubru 2006, dik il-Qorti laqghet l-ewwel zewg talbiet tal-atturi; qalet li r-rikorrent kien ha sehem fis-serqa mid-dar tal-attur fit-12 ta' Mejju 1995 u wara li rat l-artikolu 1049 tal-Kodici Civili qalet li r-rikorrent ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li garrbu l-atturi u ordnat li jitkompla s-smiegh ghall-ghanijiet tat-talbiet l-ohra.

Illi permezz ta' dikriet moghti ukoll fl-10 ta' Ottubru 2006, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat lill-atturi appellati zmien biex jipprezentaw prospett tad-danni minnhom pretizi. L-atturi

minflok ma pprezentaw prospett kif awtorizzati mill-Qorti pprezentaw affidavit ulterjuri tal-attur fit-13 ta' Novembru 2006 u permezz ta' rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-8 ta' Jannar 2007 ir-rikorrent talab l-isfilz tal-istess affidavit tal-attur tat-13 ta' Novembru 2006 stante li dan jikkostitwixxi prova gdida minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti, wara li l-atturi kienu ghalqu l-provi taghhom fis-27 ta' Mejju 2004. Illi permezz ta' dikriet moghti fl-4 ta' Marzu 2008, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tar-rikorrent ghall-isfilz tal-affidavit tal-attur Dr Joseph Zammit Tabona.

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2008, il-Qorti ddisponiet mit-tielet u r-raba' talbiet tal-atturi billi llikwidat id-danni li garrbu l-atturi fis-somma ta' mija u tletin elf, erba' mija u wiehed u erbghin euro u tnejn u erbghin centezmu (€130,441.42) ekwivalenti ghal LM55,998.50 u kkundannat lir-rikorrent ihallas lill-atturi appellati d-danni hekk likwidati flimkien mal-imghax u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni.

Illi l-esponent interpona appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u b'sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009, fl-ismijiet "Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Charles Saliba", l-Qorti tal-Appell cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Illi kemm quddiem il-Prim'Istanza u kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, ir-rikorrent issottometta li biex ikollu smiegh xieraq, il-grad tal-prova rikjesta f'din il-kawza ried ikun wiehed aktar rigoruz minn dak tas-semplici bilanc ta' probabilitajiet f'kawzi civili fejn l-allegazzjoni ma tkunx wahda ta' reat.

Illi l-espoennt issottometta dan fuq l-iskorta ta' gurisprudenxa anglo sassona nutrita.

Lord Danning fil-kawza "Bater vs Bater" (Cross on evidence – Fourth – 1951) jghid:

"The difference of opinion which has been evoked about the standard of proof in recent cases may well turn out to be more a matter of words than anything else. It is of course true that by our law, a higher standard of proof is required in criminal cases than in civil cases. But this is subject to the qualification that there is no absolute standard in either case. In criminal cases the charge must be proved beyond reasonable doubt, but there may be degrees of proof within that standard. … So also in civil cases, the case may be proved by a preponderance of probability, but there may be degrees of probability within that standard. The degree depends on the subject-matter. A civil court, when considering a charge of fraud, will naturally require for itself a higher degree of probability than that which it would require when asking if negligence is established. It does not adopt so high a degree as a criminal court, even when it is considering a charge of a criminal nature; but still it does require a degree of probability which is commensurate with the occasion."
(Cross on evidence – Fourth Edition – 1974)

Similment fil-kawza "Hornal vs NeuBerger Products, Ltd, 1957" inghad:

"Though no court and no jury would give less careful attention to issues lacking gravity than to those marked by it, the very elements of gravity become a part of the whole range of circumstances which have to be weighed in the scale when deciding as to the balance of probabilities."

Illi l-imsemmi awtur – Cross on Evidence 1974 - ikompli jghid illi f'decizjoni sussegwenti bhal dik ta' "Rejfek vs McElroy" 1965 ghamluha cara illi ghandu jkun hemm distinzjoni bejn il-grad ta' prova oltre d-dubju ragonevoli fil-kamp kriminali u dak fuq il-bilanc tal-probabilitajiet fil-kamp civili, pero' jikkonkludi l-imsemmi awtur, fl-imsemmi trattat tieghu (pagina 99):

"Very strong reason is required to justify the imposition of the standard of proof appropriate to a criminal charge in a civil case, and it is open to question whether that reason

has ever been convincingly stated; but we shall see that the argument in favour of the application of the standard appropriate to crime has been surged in a number of civil cases.”

Infatti addirittura jikkwota l-imsemmi attur il-Judicial Committee tal-Privy Council fil-kawza “The People of the State of New York vs The Heirs of Phillips” fejn gie ritenut, f’din il-kawza civili fejn kien qed jigi allegat reat ta’ natura kriminali, illi l-prova li kellha ssir hija dik il-prova rikjesta oltre d-dubju ragonevoli fi proceduri kriminali ghalkemm il-proceduri kienu civili u dan minhabba li

“the proposition has been laid down time and again by the courts of this country and appears to be just.”

L-awtur Cross (Ibidem) jikkonkludi billi jghid illi fil-kawza “Hornal vs Neuberger Products Ltd” (supra), il-Qorti tal-Appell ghazlet illi tosserva d-distinzjoni bejn il-grad tal-prova fil-kamp civili u fil-kamp kriminali anke’ fejn imgieba kriminali hija allegata pero’, anke’ dan l-awtur jikkonkludi billi jghid:

“When the commission of a crime is alleged in civil proceedings, the stigma attaching to an affirmative finding might be thought to justify the imposition of a strict standard of proof; the person against whom criminal conduct is alleged is adequately protected by the consideration that the antecedent improbability of his guilt is “part of the whole range of circumstances which have to be weighed in the scale when deciding as to the balance of probabilities.” (page 106 Ibidem)

Infatti jidher illi l-gurisprudenza l-aktar recenti fir-Renju Unit hija proprju f’dan is-sens illi “the balance of probability is a flexible one and the graver the issue involved, the higher the degree of probability which the Court should acquire.” Fil-kawza “R. vs Hants CC ex parte Ellerton (1985 W.L.R. 749), Lord Justice Slade jirreferi ghal dak illi qal Lord Scarman f’Regina vs Secretary of State for the Home Department, Ex parte Khawaja (1984) u jghid,

"the very fact that all of their Lordships in that case thought it necessary, albeit in rather different forms of words, to stress this point for the guidance of lower courts, gives rise to the question whether the disciplinary appeal panel of the fire authority gave itself a sufficient direction in deciding that "it was appropriate for the case to be decided on the balance of probabilities …"

u jkompli wkoll fir-rigward ta' kawza civili fejn kien qieghed jigi allegat reat ta' natura kriminali

"I have been influenced too by my belief that, as a matter of ordinary human experience, a person is less easily satisfied that a serious allegation is made out than that a trivial one is made out … I believe that a tribunal of fact will automatically take the relative seriousness of an allegation into account as one of the factors bearing on the question of whether the civil burdens of proof has been discharged."

Imbaghad ikompli l-istess Imhallef Lord Slade:

"My understanding of the concept, which I think was that of the judge, is simply that the relative seriousness of the allegation is a relevant factor (on occasions a highly relevant factor) in considering whether or not the civil burden of proof on the balance of probabilities has been discharged in any given case."

Dan iwassal lill-atturi bhal David Sheldon fit-trattat "Evidence – Cases and Material – Second Edition 2002 – sabiex jikkonkludi:

"Thus in England it now seems reasonably clear that there are only two standards of proof. Equally it is clear that where serious allegations are made in a civil case, more, or more convincing evidence may be required to tip the balance of probability. The point is well put by Morris L.J. in Hornal vs Neuberger Products Ltd. (1957) Queen's Bench 247m part of whose opinion is quoted by the court in Ellerton above:

Though no court and no jury would give less careful attention to issues lacking gravity than to those marked by it, the very elements of gravity become part of the whole range of circumstances which have to be weighed in the scale when deciding as to the balance of probabilities. (ibidem page 67)

Similment gie ritenut f'Rex vs H. (Minors) (sexual abuse) (1986) fejn Lord Nichols of Birkenhead irritjena f'din il-kawza Skocciza:

"The balance of probability standard means that a court is satisfied an event occurred if the court considers that on the evidence, the occurrence of the event was more likely than not … the more serious the allegation the less likely it is that the vent occurred and, hence, the stronger should be the evidence before the court concludes that the allegation is established on the balance of probability … Built into the preponderance of probability standard is a generous degree of flexibility in respect of the seriousness of the allegation."

Hawnhekk il-Qorti tkompli taghmel relazzjoni diretta bejn il-gravita' tal-allegazzjoni u l-probabilita' li trid tigi ppruvata sabiex il-grad tal-bilanc tal-probabilitajiet imur fuq in-naha tal-parti illi qed tippromwovi l-kawza. Infatti, l-istess Lord Nichols of Birkenhead jikkonkludi:

"Although the result is much the same, this does not mean that where a serious allegation is in issue the standard of proof required is higher. It means only that the inherent probability or improbability of an event is itself a matter to be taken into account when weighing the probabilities and deciding whether, on balance, the event occurred. The more improbable the event, the stronger must be the evidence that it did occur before, on the balance of probability, its occurrence will be established."

L-esponenti mhux ser jaghmel referenza ghall-gurisprudenza ohra specjalment dawk tal-Qrati Skoccizi fejn addirittura marru sa anke biex irritenew illi tezisti illi meta l-allegazzjoni fil-kawza civili tkun ta' reat kriminali

allura ghandu jkun hemm grad ta’ prova li huwa bejn dak tal-prova oltre d-dubju ragonevoli u mhux dak ta’ fuq il-bilanc tal-probabilitajiet stante li finalment, hemm ukoll sentenzi Inglizi u anke Skoccizi u anke’ dawk Awstraljani rritenew illi l-principju ghandu dejjem jibqa’ illi hemm zewg gradi ta’ prova u m’ghandux jigu ritenut illi jezisti xi grad gdid (David Sheldon. Op, Cit. Page 68-69 – Lenon vs Co-operative Insurance Society 1986 u B. vs Kennedy (1987) S.L.T. 765).

L-ahjar gurisprudenza ghalhekk tidher invece li hija dik addottata f’kawzi bhal Mullen vs Anderson 1983 fejn Lord Morrison ighid:

“… the suggestion that there exists in Scotland some standard intermediate between a balance of probabilities and beyond reasonable doubt has expressly been rejected in Brown v. Brown at p. 126; Lamb v. Lord Advocate at pp. 116 and 119; and B. v. Kennedy at p. 768. My view that any civil case, including this one, must be determined on a balance of probabilities does not ignore the obvious fact that it is more difficult to prove, according to the required standard, an allegation of murder or serious crime, because it is inherently unlikely that a normal person will commit such a crime.”

Lord Penrose imbaghad fl-istess kaz (Sheldon op. Cit. pag 71) jghid:

“The two standards differ in character, not in degree. Proof to a standard which excludes reasonable doubt on the whole evidence available to the tribunal of fact involves a process of analysis and reasoning which differs from that involved in reaching a view whether, among the possibilities which emerge on a consideration of the evidence as a whole, one can be identified which probably reflects the truth. In my opinion, it is wholly consistent with such an approach to recognize that certain facts may require evidence of particular weight if they are to be established on either approach.”

Dan jindika, bir-rispett kollu, li fir-rigward ta’ certu allegazzjonijiet il-piz tal-prova illi jrid jigi adoperat japplika kemm fir-rigward tal-grad fil-kamp Civili huwa l-istess bhal dak fil-kamp kriminali.

Illi ghalhekk l-esponent umilment jissottometti illi f’dik il-kawza, l-Prim’Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-Qorti tal-Appell kellhom jiddeciedu illi l-grad tal-prova ghandu jkun kif irriteniet il-gurisprudenza fuq kwotata.  Il-gravita’ tal-akkuza maghmula mill-intimati Zammit Tabona trid tittiehed bhala fattur mill-aktar rilevanti sabiex il-Qorti tara jekk il-piz civili tal-prova giex sodisfatt.

F’dan il-kaz, stante l-gravita’ tal-kawzali ta’ din il-kawza civili u stante li qed jigi allegat reat kriminali, fl-umili sottomissjoni tal-esponent, kien jinkombi fuq l-Ewwel Qorti u fuq il-Qorti tal-Appell illi jqisu li l-elementi ta’ gravita’ kienu parti minn firxa ta’ cirkostanzi li l-Qorti trid tizen meta Hija tara jekk il-kaz quddiemHa giex ippruvat fuq il-bilanc tal-probabilitatijiet kwalifikat kif gja’ nghad fil-kawza ‘Hornal vs Neuberger Products Ltd 1957) u cioe’: The very elements of gravity become part of the whole range of circumstances which have to be weighed in the scale when deciding as to the balance of probabilities.

Illi addirittura fl-imsemmija sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2009, l-Onorabbli Qorti tal-Appell qabet u abbraccat pjenament din il-gurisprudenza u effettivament qalet li ghandu jigi appikat dan l-istandard aktar rigoluz.  In fatti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell irriteniet illi:

“Huwa minnu kif isostni l-konvenut anke surrogat bil-pronunzjamenti tal-oghla gradi Inglizi li l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh u jiddistingwi bejn kaz u iehor, b’dan illi fejn il-konvenut fil-proceduri civili u l-akkuzat b’rejat, l-istess gudikant irid jadotta test aktar rigoruz, partikolarment meta jkun hemm kwistjonijiet bejn entita’ ta’ persuna li tkun qed tigi citata.”

Illi jigi umilment sottomess pero’ li la l-Ewwel Qorti fis-sentenzi tagħha  tal-10 ta’ Ottubru 2006 u dik tal-4 ta’ Marzu 2008 u lanqas l-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza

tagħha tas-6 ta' Ottubru 2009 ma applikat dan il-principju; in fatti jirrizulta b'mod mill-aktar car li minkejja li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenzi tagħha tal-10 ta' Ottubru 2006 u fl-4 ta' Marzu 2008, irriskontrat diversi inkonsistenzi fix-xiehda tal-attur, kien biss fuq bilanc pjenament ta' probabilita' li ghazlet li temmen lill-attur li huwa kien gharaf lir-rikorrent.

Illi similment l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma ghamlet xejn biex tirrimedja ghal dan il-grad purament bi propondersnza ta' probabilitajiet u b'mod xjentifiku aktar rigoruz meta ghazlet li ma tiddisturbax l-insenjament tal-Ewwel Qorti benche' l-ewwel Qorti ma kienetx applikat il-grad aktar rigoruz u invece, minkejja li l-Qorti tal-Appell qablet li ghandu jigi applikat u kellu jigu applikat il-grad aktar rigoruz, ghazlet li hija wkoll, l-istess Qorti tal-Appell, ma tapplikax dan il-grad aktar rigoruz.

Illi imbaghad fil-likwidazzjoni tad-danni kemm l-ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell bir-rispett kollu dovut lejHom ikkapovolgew il-principji probatorji u minkejja li l-intimati ma ressqu lil hadd biex jikkonferma bil-gurament id-danni minnhom pretizi, d-danni reklamati gew accettati mill-Qorti ghaliex skont il-Qrati kien jispetta lir-rikorrent jipprova kontra d-danni reklamati pero' bl-ebda mod sorretti minn prova guramentata, jigi umilment sottomess li hawn ukoll is-sentenzi jilledu l-principju ta' smigh xieraq.

Illi l-esponent umilment jissottometti li kif hu gie hekk applikat dan il-grad aktar rigoruz u kieku gie applikat il-principju basilari tad-dritt onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat ma kienet tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi biex jigu akkolti t-talbiet tal-intimati Zammit Tabona.

Illi di piu l-esponenti gie mcahhad milli jipproduci xi xhieda fl-istess kawza. Infatti gie mcahhad milli jipproduci ghall-kontro-ezami hadd aktar mill-istess attrici Maria Carmela sive May Zammit Tabona. Fl-atti tressaq mill-attur, l-intimat Dottor Joseph Zammit Tabona affidavit li allegatament kienet ghamlet l-istess May Zammit Tabona. Ir-rikorrent mill-ewwel stqarr – u dana jirrizulta mill-atti – li huwa ma jemminx li verament dak imsemmi fl-istess

affidavit huwa dak li qed tistqarr l-imsemmija May Zammit Tabona u l-esponent ghamel tentattiv wara l-iehor kif jirrizulta mill-verbali tas-seduti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili biex jipproduci lill-istess May Zammit Tabona biex tixhed anke permezz ta' ingunzjonijiet appoziti. Fis-seduti dejjem tressaq xi certifikat mediku u finalment anke ttella' Tabib biex jixhed dwar l-istat mentali tal-imsemmija May Zammit Tabona. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet id-dritt lill-esponent li jressaq din ix-xhud – xhud li l-esponent ihoss li kienet importantissimu ghaliex din ix-xhud setghet tixhed dwar jekk effettivament ratx lilu fil-jum tas-serqa jew jekk issemmewx il-kliem "Bramel tad-Deheb" kif jallega l-intimat Dottor Zammit Tabona. Jigi umilment sottomess li specjalment meta l-Qorti kienet qed taghti tant piz lil dawn iz-zewg allegazzjonijiet tal-attur kien assjomatiku u necessarju fid-drtitt li tithalla tixhed l-unika persuna li setghet tikkorrobora jew tinficja t-tezi tal-attur. In-nuqqas tax-xhieda viva voce u in kontro-ezami ta' dan ix-xhud cahad gravament id-dritt tas-smiegh xieraq ghaliex tellef lill-esponent il-prova chiave li dak kollu li kien qed jallega l-intimat Dr Zammit Tabona dwar rikonnoxximent u dwar bramel tad-deheb mhux veru sehh.

Illi l-esponent hassu wkoll aggravat min-nuqqas tal-Qorti tal-Appell li tipprovdi dwar it-talba tieghu biex jipproduci bhala xhud lil huh l-iehor Francis Saliba kif talab l-istess esponent a fol 20 tar-Rikors tal-Appell tieghu. L-esponent jirrileva li l-ebda stadju fil-process kollu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u addirittura lanqas fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Novembru 2009 ma kkunsidrat u/jew ipprovdiet dwar din it-talba.

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija u b'nuqqas serju tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, l-esponent gie mcahhad mid-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif protett bl-Artikolu 39(1) (2) u (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet inkorporata fil-Ligijiet tal-Malta permezz tal-Kap. 319 tal-Ligijiet.

Illi senjatament imma minghajr pregudizzju ghall-premess in-nuqqas lamentat tal-Qorti li tapplika l-istandard korrett

tal-prova kif ukoll il-principju legali li huwa min jallega li jrid jipprova jigi umilment sottomess li jivvjola d-dritt kostituzzjonali tal-esponent tal-presunzjoni tal-innocenza sakemm ma tigix pruvat skont il-ligi xi htija.

Illi dan ippregudika wkoll il-qaghda tal-esponent u qed jikkawzawlu danni ingenti partikolarment f’sahhtu minhabba li finalment spicca kkundannat u misjub hati li seraq minghand l-intimati mentri dan l-esponent kategorikament jaf li mhux minnu.

Ghalhekk ir-rikorrent talab li:-

(1) jigi dikjarat tiddikjara li l-agir fuq imsemmi partikolarment imma mhux esklussivament fin-nuqqas tal-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-sentenzi tagħha tal-10 ta’ Ottubru 2006 u tal-4 ta’ Marzu 2008 u dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-6 ta’ Ottubru 2009 kif ukoll id-digrieti kollha li nghataw fil-kawza gja’ msemmija in segwitu ghas-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Salba”, Citazzjoni Numru 1196/2000 billi
(a) ma applikawx il-grad rigoruz tal-prova accettat mill-gurisprudenza ingliza u abbraccat mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, kif ukoll
(b) ma applikawx il-principju generali tad-dritt li min jallega jrid jipprova u mhux bl-invers, u kif ukoll
(c) bic-cahda ghall-produzzjoni tax-xhud May Zammit Tabona quddiem l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili kif ukoll
(d) bin-nuqqas ta’ provvidemnt mill-Onorabbli Qorti tal-Appell dwar it-talba ghall-produzzjoni ta’ Francis Saliba jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u dan kif protett mill-Artikolu 39(1)(2) u (5) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet inkorporata fil-Ligijiet ta’ Malta permezz tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(2) jinghataw dawk ir-rimedji xierqa u opportuni sabiex jigu indirizzati tali vjolazzjonijiet fosthom:-
(a) jigu dikjarati vvizjati s-sentenzi moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Ottubru 2006 u

tal-4 ta’ Marzu 2008 kif ukoll id-digrieti kollha li nghataw fil-kawza gja’ msemmija in segwitu ghas-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Saliba” u dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Ottubru 2009 fl-istess ismijiet: “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Saliba” (Citazzjoni numru 1196/2000) kif ukoll it-taxxa tal-ispejjez u drittijiet tal-imsemmija kawza u kull att gudizzjarju iehor sussegwenti u relatat u ghalhekk thassar u tannulla l-istess sentenzi, digrieti u atti gudizzjarji;
(b) li r-rikorrenti qieghed fil-qaghda li kien qabel ma nghataw is-sentenzi tal-10 ta’ Ottubru 2006 u tal-4 ta’ Marzu 2008 kif ukoll id-digrieti kollha li nghataw fil-kawza gja’ msemmija in segwitu ghas-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 2006 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili u dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tagHa tas-6 ta’ Ottubru 2009 fl-ismijiet “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Saliba” (Citazzjoni Numru 1196/2000);
(c) tordna li l-kawza (Citazzjoni Numru 1196/2000) fl-ismijiet “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Saliba” tigi mismugha mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili u deciza fuq il-grad ta’ probabilita’ b’mod rigoruz kif fuq imsemmi u abbraccat fil-gurisprudenza Ingliza u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Maltija fis-sentenza gja’ msemmija kif ukoll fuq il-principju li min jallega jrid jipprova l-fatti allegati skont il-ligi kif trid il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet, u
(d) tillikwida d-danni li gew sofferti mir-rikorrent u tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti l-istess danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali fejn gie sottomess:-

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent qieghed jallega illi b’“nuqqas serju tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, l-esponenti gie imcahhad mid-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif protett bl-Artikolu 39(1)(2) u (5) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea

tad-Drittijiet inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Kap. 319."

Illi l-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi in linea preliminari, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni stante li mhux ghajr appell mid-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet "Dr Joseph Zammit Tabona et vs Charles Saliba" (Appell Civili Nru. 1196/00). Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrali, din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni tagħha li tiddeciedi jekk Qrati ohra ddecidewx il-kawzi sew jew le, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali.

Illi in linea preliminari wkoll, ir-rikorrent qed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi huwa qed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu r-rimedju ta' ritrattazzjoni sabiex ihares d-drittijiet pretizi minnu. Illi ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri tagħha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

Illi l-esponenti jirrileva illi stante li l-mertu ta' dan ir-rikors diga' gie ampjament trattat quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni ta' l-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet "Dr Joseph Zammit Tabona et vs Charles Saliba" (Appell Civili Nru. 1196/00) deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009.

Ebda ksur ta' l-Artikoli 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea

Illi r-rikorrenti jilmenta illi sabiex ikollu smiegh xieraq, il-grad tal-prova rikjesta fil-kawza civili riedet tkun wahda aktar rigoruza minn dik ta’ bilanc ta’ probabbilitajiet liema oneru del resto huwa rikjest f’kawza civili. Ir-rikorrent qieghed ukoll jirreferi ghal numru ta’ decizjonijiet moghtija mill-Qrati Inglizi u Skoccizi sabiex jissostanzja l-argument tieghu.

L-esponenti jissottometti illi l-lanjanza tar-rikorrenti illi huwa ‘nstab hati’ ta’ reat quddiem qorti ta’ kompetenza civili hija ghal kollox infondata u dan peress illi minn qari tas-sentenzi u d-digriet moghti kemm mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell kif ukoll mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi l-ebda wahda minn dawn is-sentenzi ma sabet lir-rikorrenti hati ta’ xi reat, imma qiesu biss li l-provi mressqa mill-atturi kienu aqwa mir-ragunijiet u spjegazzjonijiet li ta r-rikorrent. Dan kollu sar fil-parametri li wiehed jistenna f’kawzi ta’ natura civili.

L-esponenti jissottometti illi l-fatt illi l-Qrati Inglizi japplikaw test aktar rigoruz huwa irrilevanti peress illi da parti tieghu il-legislatur Malti ma imponiex fuq il-partijiet regoli daqstant rigidi izda ihalli fil-gudizzju tal-Qrati li jirregolaw ruhhom huma skond il-kaz. Illi dawn ir-riferenzi u kwotazzjonijiet minn decizjonijiet tal-Qrati Inglizi u Skoccizi maghmula mir-rikorrent huma ghal kollox irrilevanti ghal kwistjoni u huwa sintomatiku li m’hemm l-ebda accenn – wisq anqas xi kwotazzjoni biex isostni t-tezi ta’ l-istess rikorrent mill-gurisprudenza nostrali jew min dik tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi effettivament l-artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jipprovdi illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smiegh xieraq, is-smiegh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstemgha minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b’ligi. L-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smiegh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wiehed ma elenka jew ilmenta minnu.

Illi kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza civili semghu l-ilmenti kollha tar-rikorrent u ddecidew skond il-ligi. Il-fatt illi l-ilmenti tar-rikorrent ma gewx milqugha ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet fundamentali.

Ebda ksur ta’ l-Artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea

Illi r-rikorrenti jilmenta li s-sentenzi in kwisjoni ivvjolawlu d-dritt hekk kif sancit mill-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea liema artikoli jipprovdu li kull min jigi akkuzat b’reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi ppruvat jew ikun wiegeb li hu hati.

L-esponenti jissottometti illi l-motivazzjonijiet u l-konkluzjonijiet li waslu ghalihom kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti ta’ l-Appell kienu r-rizultat ta’ accertament probatorju xieraq li ma ntweriex li kiser xi prezunzjoni ta’ innocenza ta’ l-istess rikorrent, izda li waslu ghalih fuq il-bazi tal-principju juxta alligata et probata mistenni minn kull deliberazzjoni ta’ Qorti kompetenti.

L-esponenti jissottometti illi r-rikors odjern huwa eradikat fuq motiv merament ghall-prolungar ulterjuri tal-proceduri u dana sabiex titwaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell liema sentenza ghaddiet ormai in gudikat. Ghalhekk dawn il-proceduri ma huma xejn hlief tentattiv sabiex titwaqqaf din l-ezekuzzjoni bla ebda bazi valida fil-Ligi.

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta’ dawn l-Artikoli.

Rat ir-risposta tal-intimati l-ohra Dottor Joseph Zammit Tabona, Raffaella Zammit Tabona u Andrea Zammit Tabona fejn gie sottomess:-

1. Illi huma gew notifikati bir-rikors li ghalih qed issir din ir-risposta fl-4 ta’ Jannar 2010.

2. Illi meta wiehed jaqra l-kontenut tar-rikors li ghalih qed issir din ir-risposta, bir-rispett kollu, wiehed malajr jinduna u jirrealizza li filwaqt li ghandu s-sembjanza ta' rikors kostituzzjonali attwalment dan mhu xejn izjed ghajr minn appell mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell – procedura din li ma tezistiex u mhijiex accettabbli mill-ligi procedurali taghna. Dan huwa abbuz tas-sistema legali li ma ghandhiex tigi permessa u ghaldaqstant ir-rikors de quo ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti. Fil-fatt dan ir-rikors huwa xejn izjed minn lament fuq il-mertu u mhux fuq il-procedura li gie deciz miz-zewg qrati taghna, dik tal-Onorabbli Pirm'Awla tal-Qorti Civili u wara dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell.

3. Fil-fatt dan ir-rikors ma ghandu ebda element li b'xi mod huwa konness ma' xi vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali kif jidher fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni taghna jew fl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet Fundamentali. Infatti l-materja tar-rikors hija tajba ghall-Appell mill-Qorti tal-Appell – it-tielet stadju, izda dan l-istadju ma jezistiex fil-procedura nostrana.

4. L-ewwel ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi l-Qrati taghna li ddecidew il-kawza de quo "kellhom jiddeciedu illi l-grad tal-prova ghandu jkun kif irriteniet il-gurisprudenza fuq kwotata. Il-gravita' tal-akkuza maghmula mill-intimati Zammit Tabona trid tittiehed bhala fattur mill-aktar rilevanti sabiex il-Qorti tara jekk il-piz civili tal-prova giex sodisfatt. F'dan il-kaz, stante l-gravita' tal-kawzali ta' din il-kawza civili u stante li qed jigi allegat reat kriminali, fl-umli sottomissjoni tal-esponenti, kien jinkombi fuq l-Ewwel Onorabbli Qorti u fuq l-Onorabbli Qorti tal-Appell illi jqisu li l-elementi ta' gravita' kienu parti minn firxa ta' cirkostanzi li l-Qorti tizen meta hija tara jekk il-kaz quddiemha giex pruvat fuq il-bilanc ta' probabilitajiet kwalifikat kif gja' nghad fil-kawza "Hornal ve Neuberger Products Ltd 1957".

5. Imbaghad ir-rikorrenti ghadda biex ikkwota parti mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2009.

6. Illi bir-rispett kollu r-rikorrenti jislet biss parti mill-korp tas-sentenza li qed tigi impunjata u, konvenjentament, ihalli barra l-kwalifika li l-istess Qorti ghamlet f'dan ir-rigward.

7. Wara l-bran kwotat mir-rikorrenti, l-Onorabbi Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghas-sentenza fil-kawza "Il-Pulizija vs Stephen Zammit" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Lulju 1998 u kkonkludiet illi "l-ligi ma telenka ebda regoli meta si tratta dwar kazi ta' identifikazzjoni billi l-legislatur ried ihalli fil-gudizzju prudenti u ghaqli tal-gudikant." Imbaghad l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghaddiet biex tikkwota bran mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq riferita u cioe' illi mill-artiklu 649 tal-Kodici Kriminali "jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz."

8. L-Onorabbli Qorti tal-Appell imbaghad ikkonkludiet: "Fil-kaz in esami l-Ewwel Qorti waslet biex temmen lill-attur minkejja dawn l-inkonsistenzi fuq bazi soda u cioe' fuq ix-xhieda tieghu dwar ir-rikonoxximent tal-konvenut billi dan kien maghruf sewwa mal-attur. Jidher ghalhekk li l-Ewwel Qorti, esaminat il-provi kollha, waslet ghall-konvinciment morali li l-ewwel talbiet attrici kellhom mis-sewwa u li konsegwentament kellhom jintlaqghu. Din il-Qorti ezaminat l-atti kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-konvenut, ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddipartixxi minn din il-konkluzjoni partikolarment billi c-cirkostanzi msemmija mill-konvenut fir-rikors tal-appell tieghu, huma sekondarji ghal fatt proprju tar-rikonoxximent. Dawn l-aggravji dwar is-sentenza preliminari ghalhekk mhux qed jigu kunsidrati bhala gustifikati u l-appell tal-konvenut in kwantu jirreferi ghas-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2006 ser jigu michuda."

9. Illi ghalhekk mill-qari ta' dan il-bran tas-sentenza, u mill-qari tas-sentenza kollha kemm hi, ghax wiehed ma jistax jaqra partijiet tas-sentenza biss minghajr ma

jaghmel riferenza ghas-sentenza fit-totatita' tagħha, jidher car u evidenti illi ebda wahda mill-Qrati taghna, u cioe' la l-Ewwel Onorabbli Qorti u lanqas l-Onorabbli Qorti tal-Appell, ma accettawx is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti b'mod kapriccjuz u jew b'mod legger. Anzi, bil-maqlub, iz-zewg Qrati taghna ghamlu studju approfondit kemm tal-gurisprudenza taghna in kwantu kif ghandhom jevalvaw ix-xhieda prodottta kif ukoll ghamlu ezami approfondit tax-xhieda prodotta u tas-sottomissjonijiet maghmula miz-zewg partijiet fil-kawza u waslu ghall-konkluzjoni ghall-konvinciment morali illi l-verzjoni tal-atturi hija aktar kredibbli minn dik prodotta mill-konvenut u ghalhekk illi t-talbiet attrici kellhom jigu milqugha ghax hekk biss kienet issir gustizzja mal-partijiet.

10. X'hemm anti-kostituzzjonali f'dan ir-ragunament tal-Qrati taghna? Mhux minnu illi jekk Qorti tkun konvinta moralment minn verzjoni a kuntrarju ta' ohra l-gudikant ghandu d-dritt u l-obbligu li jaghti sentenza mod u mhux iehor? Altrimenti l-gudikant ikun qed jaghti sentenza kuntrarja ghal dak li jkun irrizultalu mill-atti tal-process li jkun irid jiggudika dwaru. Certament illi r-rikorrenti ma jistax jargumenta illi r-ragunament tal-Qrati taghna huwa anti-kostituzzjonali purament ghax ma jaqbilx mieghu hu. Izda hekk jidher li qed jargumenta r-rikorrenti meta jissottometti illi l-Qrati taghna ma applikawx dan il-principju. Il-Qrati taghna, fiz-zewg sentenzi ta' dan il-kawza, ma qalux dak li qed isostni r-rikorrenti billi huma applikaw dak li qalet is-sentenza tal-Qorti Kriminali fis-sede tagħha ta' appell, hawn fuq riferita. Kwindi dan l-aspett kostituzzjonali ma jissusistiex u ghandu jigi michud kontra r-rikorrenti.

11. Huwa skorrett, bir-rispett kollu, r-rikorrenti meta jissottometti illi l-Qorti tal-Appell qablet li ghandu jigi applikat it-test aktar rigoruz. Li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell huwa ezattament illi avolja l-Qrati Inglizi forsi japplikaw dan it-test hekk aktar rigoruz il-legislatur Malti ma riedx ixekkel lill-partijiet b'regolli rigidi izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha hi skond kull kaz. Infatti hekk ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell, li wara li qiset kollox u kull sottomissjoni, hasset li ghandha

tapplika l-principju li ma tiddisturbax l-apprezzament ghaqli u prudenti li kienet ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti.

12. Illi r-rikorrenti jissottometti illi kieku gie applikat dan il-grad aktar rigoruz u kieku gew applikati l-principju basilari tad-dritt onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat ma kienetx tezisti ebda raguni valida fil-ligi biex jigu akkolti t-talbiet tal-intimati Zammit Tabona. Bir-rispett kollu din hija sottomissjoni zbaljata billi l-Onorabbli Qrati taghna applikaw il-grad tajjeb tal-prova bizzejjed rigorosament. Applikaw ukoll il-principju bazilari riferut u billi hassewhom konvinti minn dak li qalu l-atturi Zammit Tabona accettaw it-talbiet taghhom u cahdu l-kontestazzjoni li ghamel il-konvenut (rikorrenti f'dawn il-proceduri).

13. X'hemm antikostituzzjonali f'dak ili ghamlu l-Qrati taghna? Mhux dejjem u f'kull kaz quddiem il-Qrati taghna gew applikati l-istess principji ta' dritt procedurali li gew applikati f'dan il-kaz? Il-principji applikati mill-Qrati taghna f'dan il-kaz huma l-principji li dejjem gew applikati mill-istess Qrati. X'hemm differenti f'dan il-kaz minn dak li normalment isir f'kull kaz? Bil-kriterji tar-rikorrenti, kull parti sokkombenti f'kawza ghandha d-dritt li tiftah proceduri kostituzzjonali simili ghal dawk tentati f'din il-kawza biex forsi tghaddi tagħha u cioe' tinqaleb l-interpretazzjoni li tkun tat l-Ewwel Qorti u tigi abbraccjata t-tezi tagħha. Huwa logiku li l-Qrati taghna ghandhom id-dover li wara li jissindikaw sewwa l-provi prodotti mill-partijiet ighaddu biex jiddeciedu l-kaz skond il-ligi u skond il-kuxjenza tal-gudikant. Hekk ukoll u f'dan is-sens huwa l-gurament li jiehdu l-Imhallfin taghna, meta jaccettaw il-karija gholja u responsabbli ta' gudikanti.

14. Illi ilment iehor tar-rikorrenti huwa li hu gie mcahhad milli jipproduci xi xhieda fl-istess kawza. Dan mhu vera xejn. Mhux minnu illi r-rikorrenti gie mcahhad milli jipproduci xi xhieda.

15. Skond il-ligi procedurali taghna, l-allura attrici May Zammit Tabona kellha kull dritt li tipprepara affidavit

u wara li tahilfu dan jigi ezebit fil-proceduri allura pendenti u hija uzufrwit minn dan id-dritt u hekk ghamlet. Sfortunatament sahhet l-attrici May Zammit Tabona, minn meta gie ezebit l-affidavit ghal meta wasal l-istadju tal-kontro-ezami tagħha da parte tar-rikorrenti (konvenut f'dawk il-proceduri) hzienet daqstant li ma kienetx kapaci tissottometti ruhha ghall-istess kontro-ezami. Dan gie certifikat u guramentat ukoll mit-tabib kuranti tagħha. B'daqshekk ma jistax jinghad, pero', li r-rikorrenti gie mcahhad milli jressaq xhieda tieghu.

16. Bir-rispett kollu bil-fatt illi r-rikorrenti "mill-ewwel stqarr li huwa ma jemminx li verament dak imsemmi fl-istess affidavit huwa dak li tistqarr l-imsemmija May Zammit Tabona" ma jwassal ghal ebda konkluzjoni logika bhal dik li qed jipprova jasal ghaliha r-rikorrenti. Bil-fatt li r-rikorrenti ma emminx li May Zammit Tabona qalet dak li hemm imnizzel fl-affidavit tagħha ma jwassalx ghall-konvinciment ta' hadd illi dak li hemm imnizzel fih huwa skorrett u/jew inveritjer, skond ma qed jallega r-rikorrenti. Kif jaf kulhadd, affidavit huwa stqarrija guramentata ta' min jiffirmah u jahilfu u hadd ma ghandu d-dritt li jiddisturba l-kontenut tieghu u wisq anqas li jaghtih anqas kredibilita' milli haqqu. Hija deposizzjoni daqs kwalsiasi deposizzjoni ohra li pero' ssir viva voce.

17. Una volta li l-attrici May Zammit Tabona xehdet billi gie ezebit affidavit tagħha dan jammonta ghal xhieda daqs li kieku hija xehdet viva voce u kwindi s-sottomissjoni tar-rikorrenti li "x-xhieda viva voce u in kontro-ezami ta' dan ix-xhud cahad gravement id-dritt tas-smiegh xieraq ghaliex tellef lill-esponenti l-prova chiave li dak kollu li kien qed jallega l-intimat Dr Zammit Tabona dwar rikonoxximent u dwar bramel tad-deheb mhux veru sehh" hija bir-rispett kollu inkorretta, biex jinghad mill-inqas. Jigi emfasizzat illi l-kontro-ezami ta' May Zammit Tabona ma sehhx mhux ghax gie negat lir-rikorrenti li jaghmlu izda ghax ix-xhud kienet giet certifikata mit-tabib tagħha bhala li kienet inkapaci li tigi sottomessa ghal tali procedura.

18. Illi imbaghad in kwantu jirrigwarda l-ilment li ma thalliex jipproduci lil huh Francis Saliba, hawn ukoll ir-rikorrenti huwa zbaljat. Dan ix-xhud xehed u gie kontro-ezaminat, u rega’ xehed fis-17 ta’ Novembru 2004 – dan kollox skond ma jirrizulta mill-atti stess tal-kawza u kwindi l-bazi tas-sottomissjoni tieghu f’dan ir-rigward ma tezistiex bl-ebda mod.

19. Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll dwar il-mod kif gew likwidati d-danni sofferti mill-atturi u jissottometti illi z-zewg Qrati “ikkapovolgew il-principji probatorji u minkejja li l-intimati ma ressqu lil hadd biex jikkonferma bil-gurament id-danni minnhom pretizi, d-danni reklamati gew accettati mill-Qorti ghaliex skond il-Qorti kien jispetta lir-rikorrenti jipprova kontra d-danni reklamati pero’ b’ebda mod sorretti minn prova guramentata.” Bir-rispett kollu ma gie kapovolt xejn. L-intimat halef bil-gurament tieghu d-danni minnu reklamati u ta spjegazzjoni konvincenti kif wasal ghalihom. L-intimat (attur fil-kawza principali) talab ammont ferm aktar qawwi minn dak li attwalment gie lilu likwidat izda l-Qorti, bl-istess kriterji kif accettat l-ammont, in parti minnu reklamat, cahdet parti mill-ammont minnu pretiz. Kwindi l-Qorti ma qabditx u fil-ghama accettat dak kollu li talab l-esponenti. Hija gharblet sewwa dak minnu pretiz, accettat dak li hija hasset li kien accettabbli fic-cirkostanzi, tat ir-ragunijiet ghala kienet qed taghmel dan u illikwidat dak li fil-fehma meqjusa tagħha, kien accettabbli. Kien jispetta lir-rikorrenti (konvenut fil-kawza principali) li jiddisturba dak pretiz mill-esponenti.

20. Illi ghalhekk minn dan kollu isegwi, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti illi l-Qrati taghna applikaw tajjeb il-grad ta’ prova li kellu jigi applikat ghal kaz in ezami, applikaw tajjeb il-principji generali tad-dritt li min jallega jrid jipprova l-kaz tieghu, ma kienx hemm cahda ghall-produzzjoni tax-xhud May Zammit Tabona u l-Qorti kienet korretta li ma tat ebda provvediment dwar it-talba ghall-produzzjoni ta’ Francis Saliba bhala xhud u kwindi ma kien hemm ebda vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq ragonevoli u dan kif protett mill-Artiklu 39(1)(2) u (5) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikoli 6(1) u (2)

tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti processwali kollha tal-kawza fl-ismijiet "Dr Joseph Zammit Tabona et vs Charles Saliba" (Appell Civili Nru. 1196/00) deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009, liema atti gew allegati ma dan il-process bl-ordni ta' din il-Qorti b'dikriet tat-18 ta' Jannar 2010.

Semghet lix-xhud Spettur Jeffrey Cilia prodott mit-rikorrenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota responsiva tal-intimat Avukat Generali.

Rat in-nota responsiva tal-intimati l-ohra Zammit Tabona.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

Illi fil-qosor il-fatti li taw lok għall-kawża odjerna huma s-segwenti:-

L-intimati Zammit Tabona kienu ntavolaw kawża quddiem il-Qorti Ċivili fejn talbu lill-Qorti tiddikjara li r-rikorrenti odjern Carmelo Saliba kellu sehem attiv fis-serqa li saret ġewwa d-dar tal-imsemmija intimati f'68 Main Street, San Ġiljan fit-12 ta' Mejju 1995, u talbu ukoll li jiġu likwidati d-danni relattivi u li l-istess Saliba jigi kkundannat ihallas dawn id-danni kif likwidati. Ir-rikorrenti, konvenut f'dik il-kawza, sostna illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-imsemmija serqa.

Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta’ Ottubru 2006 iddecidiet billi laqghat it-talbiet tal-attturi f’dawk il-proceduri u llikwidat id-danni li ġarrbu l-istess atturi fl-ammont ta’ mija u tletin elf, erba’ mija u wieħed u erbgħin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu u kkundannat lir-rikorrenti, konvenut f’dawk l-istess proceduri, iħallas l-imsemmija somma flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż. Din id-deċiżjoni tal-Prim’Awla ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Ottubru 2009.

**Dawn il-proceduri**

Illi bil-preżenti kawża kostituzzjonali, ir-rikorrent Saliba jsostni li kemm fil-Prim Istanza kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell, ma ngħatax smiegħ xieraq, stante illi, skond hu, l-grad tal-prova li kellu jintlaħaq quddiem il-Prim Awla kellu jkun aktar minn sempliċi bilanċ ta’ probabilitajiet stante li l-allegazzjoni tal-atturi Zammit Tabona kienet tinvolvi reat ta’ serq li allegatament gie kommess minnu. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti jissottometti li f’kaz civili fejn l-attur ikun qed jallega li l-konvenut kien hati ta’ serq fi-konfront tieghu l-piż ta’ prova ghandu jkun l-istess bħal dak fil-kamp kriminali, u kwindi kien jinkombi fuq il-Prim’ Awla u l-Qorti tal-Appell li jaraw li dan il-grad ta’ prova fuq il-bilanċ ta’ probabilitajiet “ikkwalifikat” ġiex sodisfatt jew le. Ir-rikorrenti jsostni li effettivament la l-Prim Awla u lanqas il-Qorti tal-Appell ma ħadnu dan il-prinċipju billi fuq bilanċ ta’ probabiltajiet il-Prim Awla laqgħet it-talba tal-attur u fuq l-istess bilanc ta’ probabiltajiet din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell. Inoltre ukoll, skond ir-rikorrenti, l-identifikazzjoni viżwali illi saret mill-intimat Dottor Zammit Tabona ġiet aċċettata mill-Prim’ Awla fuq bilanċ ta’ probabilitajiet. Dwar din l-ahhar kontestazzjoni tar-rikorrenti, l-intimat Avukat Ġenerali jissottometti illi l-legislatur Malti ma mpona ebda regoli rigidi dwar l-identifikazzjoni. Skond l-Avukat Ġenerali l-lanjanza tar-rikorrenti illi huwa nstab hati ta’ reat quddiem Qorti ta’ kompetenza civili hija ghal kollox infondata, u kwindi la darba hawn qeghdin fil-kamp civili l-grad tal-prova li ntlaħaq mill-Qrati koncernati kien fil-fatt dak li għandu jintlaħaq f’kawżi simili bħal dik in kwestjoni.

Ir-rikorrent jilmenta ukoll minn dawk li skond huwa huma nuqqasijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Prim' Awla liema nuqqassijiet jammontaw għall-vjolazzjoni ta' smiegħ xieraq. Ir-rikorrenti jissottometti li huwa ġie mċaħħad milli jipproduċi għall-kontro eżami lill-attriċi May Zammit Tabona, l-unika xhud, skond ir-rikorrenti, li setgħet tikkorrabora jew le dak li xehed dwaru l-attur, u li kwindi kienet xhud importanti ħafna. Ir-rikorrent jilmenta ukoll li huwa lanqas ma tħalla jressaq bħala xhud lil huh Francis Saliba. Jilmenta ukoll illi fir-rigward tal-likwidazzjoni ta' danni, ħadd ma kkonferma d-danni pretiżi hlief l-imsemmi Dottor Zammit Tabona.

Da parti tagħhom l-intimati kollha jikkontestaw dawn l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti u jgħidu illi r-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni stante li mhux ghajr appell mill-imsemmija decizjoni tal-Qorti tal-Appell. Inoltre l-intimat Avukat Ġenerali biss jissottometti illi ir-rikorrent qed jabbuza mill-process kostituzzjonali għaliex huwa kellu a disposizzjoni tieghu mezzi ordinarji ta' rimedju cioe' r-rimedju ta' ritrattazzjoni. Ghalhekk l-istess intimat isostni li din il-Qorti għandha tiddeklina milli tezercita l-poteri tagħha skond il-provedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Kapitolu 319.

L-Avukat Ġenerali kif ukoll l-intimati Zammit Tabona jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti u jissottomettu li ma jirrizulta ebda ilment da parti tar-rikorrenti dwar xi elementi speċifiku ghar-rigward tal-artikoli citati mill-istess rikorrent. Inoltre skond l-intimati kollha ma jirrizulta ebda ksur tal-artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Ghar-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati jigi rilevat li l-istess intimati jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti u jissottomettu li r-rikors promotur hu wiehed frivolu, vessatorju u abbuziv tal-

process gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni stante li mhux ghajr appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Ottubru 2009 fil-kawza fl-ismijiet “Dr Joseph Zammit Tabona et vs Charles Saliba” (Appell Civili Nru. 1196/00). L-intimati jsostnu li l-presenti kawza hi appell minn sentenza tal-Qorti tal-Appell, u ma tikkwalifikax bhala kawża kostituzzjonali u ghalhekk il-kawza mhux aċċettabbli fl-ordinament guridiku nostrani. Mal-ewwel daqqa t’ghajn wiehed jiehu l-impressjoni li in effett ir-rikorrenti, tramite l-iskuza li gew lesi lilu d-drittijiet fundamentali, qed jittanta jhassar dak li gie deciz mill-Qworti tal-Appell. Orignarjament, pero’, t-talba quddiem il-Prim Awla kienet għal dikjarazzjoni li r-rikorrent ha sehem attiv fis-serqa li saret kontra l-atturi (l-intimati Zammit Tabona) fid-dar ta’ abitazzjoni taghhom f’68, Main Street, San Giljan li sehhet fit-12 ta’ Mejju 1995 u sabiex ir-rikorrenti jigi dikjarat resposabbli lejn l-atturi ghad-danni kollha minnhom sofferti bhala kawza tal-imsemmija serqa. Il-Prim’ Awla laqgħet it-talba tal-atturi, u sussegwentament il-konvenut appella minn din is-sentenza, liema sentenza ġiet pero’ kkonfermata fl-Appell. Mill-banda l-oħra, l-ilment quddiem din il-Qorti b’kompetenza kostituzzjonali, in effett, jittratta dwar allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li gew lezi d-drittijiet fondamentali tieghu u ċioe’ id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli u dan kif protett mill-Artikolu 39(1)(2) u (5) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem inkorporata fil-Ligijiet ta’ Malta permezz tal-Kap.319 tal-Ligijiet. Fili-fatt jista jinghad li l-mertu quddiem din il-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħħha huwa differenti minn dak quddiem il-Prim Awla u l-Qorti tal-Appell, u in effett it-talba mhux għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta’ xi parti minnha’ skond il-provedimenti tal-artikolu 142 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema artikolu jfisser x’inhu “appell.”

Għalhekk mhux korretta s-sottomissjoni tal-intimati li din il-kawża hi appell minn sentenza tal-Qorti tal-Appell, u kwindi l-eċċezzjoni preliminari relattiva tal-intimati kollha għandha tiġi miċħuda.

L-intimati jeċepixxu preliminarjament li r-rikors promotur hu frivolu u vessatorju. L-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li persuna li tallega vjolazzjoni ta' dritt fondamentali taghha tista' titlob lill-Qorti għal rimedju, pero' jekk it-talba tkun sempliċiment friovla jew vessatorja, l-Qorti tista' tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kif moghtija lilha mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali, fl-10 ta' Mejju 1995, fis-sentenza bl-ismijiet "Joseph u Alexander Ciantar vs l-Onorevoli Prim Ministru" għamlet referenza għas-sentenza oħra tal-Qorti Kostituzzjonali bl-ismijiet "Mifsud vs l-Avukat Ġenerali" fejn ġew imfissrin l-aġġettivi "frivola u vessatorja" u cioe' "ikunu mal-ewwel jidhru li huma vani, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens, u ma jistħoqqilhomx attenzjoni u dan kollu b'mod tant ċar illi mhux raġonevolment possibli li jiġi kontestat, li dak it-tqanqil u dik it-talba huma effettivament frivoli u l-istess għandu jingħad għall-konklużjoni l-oħra ta' vessatorjetà fejn tant ma jkunx hemm raġunijiet suffiċjenti biex isostnu t-tqanqil jew it-talba, illi allura l-motivazzjoni li għalihom sar tkun li dejjaq u tirritta lill-kontro-parti."

Fil-kaz odjern ma jemergux dawn l-elementi ta' frivolezza u vessatorjeta' u ghalhekk huma żbaljati l-intimati meta jgħidu illi r-rikors odjern huwa tat-tip imfisser hawn fuq mill-Qorti Kostituzzjonali. Ir-rikors jittratta materja tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-bniedem li huma tant importanti. In oltre, oġġettivament it-talba fir-rikors mhijiex tat-tip li mal-ewwel tidher li hija vana, jew waħda li hija nieqsa mis-sens jew mis-serjetà. Hawnhekk f'dan l-istadju mhuwiex qiegħed jingħad li r-rikorrent għandu raġun, iżda qiegħed jingħad illi r-rikors odjern mhuwiex wieħed frivolu u vessatorju. Għal din ir-raġuni, din l-eċċezzjoni preliminari illi r-rikors kostituzzjonali huwa frivolu u vessatorju għandha ukoll tiġi miċħuda.

Illi l-Avukat Ġenerali jissottometti ukoll illi ir-rikorrent qed jabbuza mill-process kostituzzjonali għal raġuni oħra u ċioe għaliex l-istess rikorrent kellu a disposizzjoni tieghu mezz ordinarji ta' rimedju, dak tar-ritrattazzjoni, u għal din ir-raġuni jgħid illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tezercita l-poteri tagħha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ai termini

tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’dan ir-rigward ghandu jinghad li r-ragunijiet ghaliex tista tintalab ritrattazzjoni huma limitati mill-ligi u huma elenkati fl-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). L-Avukat Generali naqas li jindika taht liema artikolu setghet tintalab ir-ritrattazzjoni u minhabba din ic-cirkostanza biss din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda. Anke kieku jirrizulta li r-rikorrenti kellu rimedju alternattiv u effettiv il-Qorti tista dejjem tghazel li tisma u li tiddeciedi l-kawza. Hawnhekk l-ilmenti tar-rikorrenti huma serji u jisthoqqilhom li jigu esaminati u konsegwentement anke din l-eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali timmerita li tigi rigettata.

Ser tigi konsidrata issa t-talba tar-rikorrent jekk ġewx effettivament vjolati dawk id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif minnu specifikati fir-rikors promotur. Il-kompitu ta’ din il-Qorti mhuw li tiddeċiedi jekk il-Prim Awla u sussegwentament il-Qorti tal-Appell iddecidewx sewwa jew le, iżda jekk, kif qiegħed jallega r-rikorrent, kienx hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-artikoli 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta  jittrattaw dwar id-dritt ta’ smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u jipprovdu, s-sub-artikolu (1), li kull minn hu akkużat b’reat kriminali għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi u s-sub-artikolu (2) li l-awtorità ġudikanti mwaqqfa b’liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali u inoltre l-każ  għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli. L-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li kull min jigi akkuzat b’reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi ppruvat jew ikun wiegeb li hu hati. L-artikoli 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdu fuq l-istess linji tal-imsemmija provedimenti tal-Kostituzzjoni ghalkhemm jista jinghad li l-imsemmi artikolu 6 u aktar ampju.

Ir-rikorrenti qed jilmenta li ma ngħatax smiegħ xieraq mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sentenzi tagħha tal-10 ta’ Ottubru 2006 u tal-4 ta’ Marzu 2008 u mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-6 ta’ Ottubru 2009 kif ukoll fid-dikrieti kollha li nghataw fil-kawza gia imsemmija cioe’“Dr Joseph Zammit Tabona et vs Carmelo sive Charles Salba” (citazzjoni numru 1196/2000) stante illi kemm il-Prim Awla kif ukoll il-Qorti ta’ Appell ma applikawx il-grad rigoruz tal-prova accettat mill-gurisprudenza Ingliza. Hawnhekk ir-rikorrenti ghamel referenza ampja ghal decizjonijiet Inglizi u Skoccizi kif ukoll ghal awturi Inglizi. Ir-rikorrenti f’dan ir-rigward qed jikkontendi li l-grad tal-prova f’kawza civili, fejn hemm allegazzjoni li sehh reat kriminali, ghandha jkun dak tac-certezza bhal fil-kamp kriminali. Skond ir-rikorrenti dan il-prinċipju ġie ukoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza taghha tas-6 ta’ Ottubru 2009. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti ikompli jissottometti li in effett l-Ewwel Qorti ma applikatx grad sufficjentement rigoruz ta’ prova u inoltre l-Qorti tat-Tieni Grad halliet dan kollu ghaddej billi semplicement qalet li ma kienx kompitu tagħha tiddisturba l-apprezzament ta’ provi maghmul mill-Qorti tal-Ewwel Grad.

Ir-rikorrenti jissottometti li biex ikollu smiegh xieraq, il-grad tal-prova fil-kawża in kwestjoni quddiem il-Prim Awla u l-Qorti tal-Appell kellu jkun wiehed aktar rigoruz minn dak tas-semplici bilanc ta’ probabilitajiet applikat f’kawzi civili oħra, għaliex il-kawża kienet tittratta allegazzjoni ta’ reat u cioe’ ta’ serq. Ir-rikorrent wara, li kif gia ntqal, għamel riferenza vasta għall-ġurisprudenza barranija, kkonkluda li fir-rigward ta’ certu allegazzjonijiet ta’ reat, il-piz tal-prova li ghandu jigi adoperat ukoll fil-kamp Civili huwa l-istess bhal dak fil-kamp Kriminali. Ir-rikorrent jissottometti li minħabba l-gravita’ tal-kawza civili in kwetjoni fejn kien ġie allegat reat kriminali, kien jinkombi fuq l-Ewwel Onorabbli Qorti u fuq il-Qorti tal-Appell li jassiguraw li l-kawża tigi ppruvata fuq dan il-bilanc tal-probabilitatijiet li jista jissejjeh bhala “kkwalifikat.” Ir-rikorrenti jissottometti illi la l-Ewwel Qorti u lanqas il-Qorti tal-Appell ma applikaw dan il-principju ta’ prova aktar rigoruza u fuq bilanc ta’

probabilità emnu lil Dottor Zammit Tabona li huwa kien gharaf lir-rikorrent bħala l-persuna li wettaq is-serqa in kwestjoni. Huwa l-ilment tar-rikorrenti li wara li l-Qorti tal-Appell qablet li ghandu jigi applikat grad ta' prova aktar rigoruz, l-istess Qorti ghazlet li ma tapplikahx.

La mill-leġislazzjoni u lanqas mill-ġurisprudenza nostrana ma jirriżulta dan il-prinċipju ta' prova fuq bilanċ ta' probabilitajiet "ikkwalifikata" u aktar rigoruża li għalih jagħmel riferenza r-rikorrent. Effettivament ir-rikorrent ma jaghmel ebda referenza ghall-artikoli tal-liġi jew gurisprudenza lokali jew dik tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li japplikaw dan il-prinċipju. Ir-rikorrent donnu qed jinsa' li l-kawża in kwestjoni taqa taħt il-kappa ta' kawza civili u kwindi tal-liġi ċivili u mhux taħt dik kriminali. Ir-rikorrent għadda minn proċess ċivili quddiem Qrati Ċivili. Hu minnu li l-kawza kienet ibbazata fuq il-kommissjoni ta' reat kriminali pero' ma jistax jinghad li l-lkawza kienet dwar reat kriminali. Din kienet kawza ta' natura civili u cioe' ghall-likwidazzjoni ta' danni kawzati minhabba li allegatament gie kommess reat kif ukoll ghall-kundanna tal-hlas tal-istess danni. Essenzjalment il-kawza hi ta' natura civili u ma jistax jinghad li bhala konsegwenza r-rikorrenti gie misjub hati tar-reat in kwestjoni, huwa, semplicement, gie ritenut li kellu jirrispondi ghad-danni sofferti bhala konsegwenza tar-reat u gie kkundannat ihallas l-istess danni. Il-kawza tibqa essenzjalment ta' natura civili u l-kwestjoni jekk il-konvenut ghandux jigi ritenut reasponsabbli ghad-danni relativi ghandhom jigu decizi, kif jigu decizi l-kawzi civili l-ohra fuq bilanc tal-probabilitajiet. F'tali decizjoni l-Qorti tista tevalwa l-gravita' tar-reat in kwestjoni u l-probabilitajiet kemm il-konvenut seta kien partecipi fir-reat, pero' l-istess decizjoni ghandha dejjem tkun ibbazata fuq il-probabilita' u r-ragionevolezza tal-allegazzjoni tal-attur.

Il-principju tal-probabilitajiet "ikkwalifikat" m'ghndux post fl-ordinament guridiku taghna. Inoltre jigi enfasizzat li la l-Qorti tal-Appell u lanqas il-Prim Awla ma sabet lir-rikorrenti hati ta' xi reat. Jigi ribadit li peress li hawnhekk qegħdin fil-kamp ċivili, il-Qrati ghandhom japplikaw il-grad tal-"balance of probabilities" kif fil-fatt għamlu, u jidher li

dan il-grad intlaħaq meta l-Qrati in kwetjoni wasslu għall-konvinċiment morali li fuq tali konvinciment it-talbiet tal-atturi Zammit Tabona kellhom jigu akkolti.

Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li huwa instab ħati ta' reat kriminali min Qorti Civili jinghad li fil-kawza deciza fil-25 ta' Mejju 2010 mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Francis Vella vs Avukat Ġenerali" intqal mill-Ewwel Qorti li "l-għan tal-imsemmija kawżi... ma għandhom l-ebda ħsieb li jsibu lir-rikorrent...ħati ta' xi reat..." u kompliet iżżid illi "il-proċedura ċivili u dik kriminali huma żewġ proċeduri distinti, b'karattru u b'karatteristiċi differenti minn xulxin. In oltre, huma proċeduri illi jimxu separatament minn xulxin, fejn il-piż u l-grad ta' prova meħtieġa ivarjaw waħda minn l-oħra." Fl-istess kawza l-Qorti Kostituzzjonali kompliet tispjega d-differenzi bejn il-kawżi ċivili u dawk kriminali u irriteniet illi "l-Qorti ma tara xejn illoġiku jew kontra d-drittijiet fondamentali tal-bniedem fil-prinċipju li l-proċess kriminali u dak ċivili għandhom jitqiesu separati u distinti minn xulin, għax proċess kriminali jitmexxa fil-parti l-kbira mill-Istat, għandu regoli partikolari għalih u immirat għall-imposizzjoni ta' piena f'isem il-kollettività. Il-proċess ċivili, minn naħa l-oħra, jitmexxa mill-individwu fl-interess tiegħu biss, u hu immirat mhux għall-imposizzjoni ta' piena, iżda għar-restituzzjoni in integro tad-drittijiet tiegħu" u "kull deċiżjoni li tingħata wara proċess ċivili ma tistax jaffettwa l-ħtija jew innoċenza tal-persuna....Xorta waħda jibqa' innoċenti kriminalment, iżda daqs tant ieħor jibqa' responsabbli għall-konsegwenzi tal-aġir tiegħu. Ir-responsabbiltà ċivili hija 'fault based' u mhux bażata fuq sejbien ta' ħtija mingħajr dubju raġonevoli."

Skond il-liġi ċivili, kull ċittadin milqut ħażin bl-aġir ta' ħaddieħor jista' fi proċedura ċivili jitlob rimedju mill-Qorti għall-ħsara li ġarrrab. Fis-sentenza ċitata hemm ukoll referenza ghal dan id-dritt u f'dan l-istess rigward l-imsemmija Qorti rritenit "illi kull persuna li tkun ġarrbet ħsara jew dannu minħabba għamil li jkun ukoll reat għandha l-possibilità li tikseb kumpens għal dak l-istess għemil fi proċedura ċivili taħt il-kappa tal-ħtija akwiljana." Dan huwa rimedju li taghti l-ligi u huwa r-rimedju li rrikorew għalih l-intimati Zammit Tabona meta bdew il-

kawża ċivili kontra Carmelo Saliba. Il-Qorti tal-Apell Ċivili u tal-Ewwel Istanza ma sabux lir-rikorrent Carmelo Saliba ħati ta' xi reat, imma fuq il-provi mressqa mill-atturi (li nstabu illi kienu aktar konvinċenti minn dawk prodotti mir-rikorrent Carmelo Saliba) sabu lir-rikorrent Carmelo Saliba responsabbli ċivilment ghad-danni kollha sofferti mill-atturi.
Kwindi, fuq dawn ir-raġunijiet, m'għandux raġun ir-rikorrent meta jgħid illi l-grad ta' prova adoperat mill-Qrati Ċivili kellu jkun b'xi mod ikkwalifikat u aktar rigoruż minn dak illi fil-fatt ġie applikat. Lanqas ma għandu raġun jgħid illi bil-grad ta' prova illi fil-fatt ġie applikat ġie vjolat lilu xi dritt fondamentali tiegħu għal smiegħ xieraq. Ir-rikorrent jilmenta ukoll illi l-identifikazzjoni tal-persuna tiegħu mill-intimati Zammit Tabona saret kontra l-liġi għaliex ma ġewx adottati l-kawteli stabbiliti fil-ġurisprudenza u d-dottrina. Jgħid illi ma kienx hemm ir-rikonoxximent viżwali tiegħu mill-intimati Zammit Tabona, imma l-identifikazzjoni saret fuq indizji oħra, fosthom l-inċident meta ssemmew il-kliem "bramel tad-deheb" kif ukoll il-fatt illi peress illi r-rikorrent kien ilu jaħdem mal-intimati, huwa kellu informazzjoni dwar id-dar tal-intimati. Ir-rikorrent jallega ukoll illi l-intimat Joseph Zammit Tabona ddeducja biss wara l-incident cioe' wara s-serqa li huwa (r-rikorent) kien ipparteċipa fl-istess, u dan peress li mal-pulizija imkien ma semma, l-intimat Zammit Tabona, li huwa għaraf lir-rikorrent. Ir-rikorrent iżid illi l-allegazzjoni illi Dottor Joseph Zammit Tabona għaraf lir-rikorrent ma ġietx ivverifikata mill-Prim Awla u lanqas mill-Qorti tal-Appell skond il-grad ta' prova aktar rigoruża li skond hu kellu jigi applikat. Minħabba f'hekk ukoll, skond ir-rikorrent, huwa ma nghatax smigħ xieraq, bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu.

Id-disposizzjoni legali dwar l-għarfien tal-identità tal-persuna, u ċioe l-artikolu 648 tal-Kap 9 (Kodiċi Kriminali) ma jistax jitqies li hu regola fih inniffisu dwar l-identifikazzjoni ta' persuna. In effett l-imsemmi artikolu jispeċifika biss dak li mhux meħtieġ meta ssir identifikazzjoni. Dan l-istat ta' fatt hu kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Lulju 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Pulizja vs Stephen Zammit". Konsegwentement il-leġislatur iħalli fil-prudenza tal-Qorti

sabiex tirregola l-każ hija dwar il-prova tal-identifikazzjoni. Hekk ġara fil-kaz in esami quddiem il-Prim Awla. Jista jinghad li l-identifikazzjoni in kwestjoni mill-intimat Dottor Joseph Zammit Tabona wasslet ghall-konvinċiment morali da parti tal-ġudikant. Inoltre r-rikorrent ma jressaq ebda prova, u lanqas ma jirriżulta bl-ebda mod, illi l-eżerċizzju li għamlet l-imsemmija l-Ewwel Qorti ma kienx leġittimu jew illi kien hemm xi ħaġa li twassal għall-inammissibilità tal-identifikazzjoni li saret. In efett il-Prim Awla stabbiliet, a bażi tal-indizji u tal-provi l-oħra fil-proċess, li l-identifikazzjoni ta' Carmelo Saliba mill-intimati saret b'mod konvincenti u wasslet sabiex għall-finijiet tar-responsabbilità tad-danni din ir-responsabilita' giet attribwita lir-rikorrenti. Fil-fatt, jirriżulta illi l-Prim Awla għamlet apprezzament tal-provi b'mod dettaljat u wasslet għall-konviċiment li r-rikorrenti Carmelo Saliba kien fil-fatt il-persuna involuta fis-serqa. Imbagħad il-Qorti tal-Appell ma rat ebda raġuni għalfejn hija kellha tiddisturba l-konklużjoni li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti. Il-Qorti tal-Appell irreteniet illi "fil-kaz in esami l-Ewwel Qorti waslet biex temmen lill-attur Zammit Tabona. Jidher ghalhekk li l-Ewwel Qorti, esaminati il-provi kollha, waslet ghall-konvinciment morali li l-ewwel talbiet attrici kellhom mis-sewwa u li konsegwentement kellhom jintlaqghu.

Kwindi, a bażi ta' dan kollu li ntqal aktar 'l fuq, ma hemm xejn fil-proċeduri quddiem il-Prim Awla u l-Qorti tal-Appell li jivvjolaw xi dritt fondamentali tar-rikorrent kwantu ghall-identifikazzjoni tar-rikorrenti da parti tal-intimat Dottor Joseph Zammit Tabona. Lanqas ma għandu raġun ir-rikorrent fl-ilment tiegħu illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenzi tagħha u l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha kif ukoll id-dikrieti kollha li nghataw fil-kawza in kwestjoni ma gewx applikati il-principji generali tad-dritt li min jallega jrid ipprova u mhux bl-invers. L-intimati Zammit Tabona fil-fatt irnexxielhom iressqu provi li tqiesu suffiċjenti mill-Qorti, li wara li għarblet u esaminat dawn l-istess provi miġjuba quddiemha, waslet għal dak il-grad ta' konvinċiment morali sabiex tkun f'posizzjoni li tilqa' t-talba tal-istess intimati.

Ir-rikorrent jilmenta ukoll illi minn vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu in kwestjoni billi ġie imċaħħad milli jipproduċi x-xhud May Zammit Tabona għall-kontro eżami. Skond ir-rikorrenti kien importanti hafna li jsir il-kontro-esami tal-imsemmija xhud, li taghha gie prodott l-affidavit. Ir-rikorrent isostni li huwa ghamel diversi tentattivi biex l-imsemmija xhud tigi kontro-esaminata minnu pero' kull darba kien jigi prodott ċertifikat mediku fis-sens li hija kienet 'mentally incapable of giving evidence' (fol 855). L-intimati Zammit Tabona pproducew lit-tabib kuranti taghha li kkonferma li x-xhud in kwestjoni ma kienitx fi stat li tista tixhad (fol.863). Skond ir-rikorrent ix-xhud in kwestjoni kienet l-unika li setgħet tikkonferma dak li qal l-intimat Dotor Joseph Zammit Tabona u ċioe' illi kien effettivament identifika fil-jum tas-serqa lir-rikorrenti u jekk in efett issemmewx il-kliem "Bramel tad-Deheb." Ir-rikorrent jallega illi n-nuqqas tal-kontro eżami ta' din ix-xhud jivvjola d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq. Ir-rikorrent jgħid ukoll illi meta ma setax isir il-kontro-eżami tal-attriċi Zammit Tabona, huwa għamel talba għall-isfilz tal-affidavit tagħha, pero din it-talba ġiet miċħuda mill-Qorti (Fol.866 – verbal ta' 2 ta' Frar 2006).

Hu permisibli, skond il-ligi, li parti tista tixhed f'proceduri quddiem il-Qorti permezz tal-affidavit. Kwindi, l-attrici May Zammit Tabona kellha kull dritt tippreżenta l-affidavit taghha. Wara li l-imsemmija attrici ppresentat l-affidavit sahhitha marret lura u ma setax issirilha l-kontro-ezami. Dan l-istat ta' fatt dwar is-sahha tal-imsemmija attrici ġie ċċertifikata mit-tabib kuranti tagħha li kkonferma c-certifikati minnu rilaxxati. Ghalhekk kien hemm raġuni valida għalfejn ma sarx il-kontro eżami tal-imsemmija attrici. Hu minnu li l-kontro-esami tal-istess attrici ma sarx izda r-rikorrent kellu kull opportunita' li jikkumenta dwar dak li hi kkonfermat bil-gurament fl-affidavit taghha. In effett ir-rikorrent għamel sottomossjonijiet dwar ix-xhieda tal-imsemmija attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu presentata f'Lulju 2006. Ma jirriżulta xejn irregolari fir-rigward taċ-ċaħda tal-Qorti ghar-rigward tat-talba tar-rikorrent għall-isfilz tal-affidavit in kwestjoni. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, ghandha l-fakolta' li tippermetti li deposizzjoni ta' xhud, jew ahjar ta' parti, tibqa fil-process u

dana fl-aħjar interess tal-ġustizzja u għall-aħjar istruzzjoni tal-kawża. Il-Qorti ma kenitx tal-fehma li kellha tordna l-isfilz tal-imsemmi affidavit, u ma jirriżulta bl-ebda mod li l-Ewwel Qorti użat dik id-diskrezzjoni tagħha b'mod irregolari jew kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq. Inoltre r-rikorrenti, skond il-ligi, kellu l-opportunità li jappella mid-dikriet taċ-ċaħda tal-isfilz tal-affidavit pero huwa ghazel li ma jappellax u minnflok għażel li jissolleva din il-kwestjoni f'dawn il-proceduri. Ir-rikorrenti mhux korrett meta jsostni li n-nuqqas ta' possibilità ta' kontro-ezami tal-attrici May Zammit Tabona, jew iċ-ċaħda għat-talba għall-isfilz tal-affidavit tagħha, jivvjolaw id-dritt fondamentali tiegħu għal smiegħ xieraq.

Ir-rikorrent jilmenta ukoll illi l-Qorti tal-Appell naqset li tipprovdi dwar it-talba tieghu biex jipproduci bhala xhud lil huh Francis Saliba u dan skond ir-rikorrenti jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett mill-istess artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward fir-rikors promotur ir-rikorrenti jissottometti li l-Qorti tal-Appell ma semgħetx lil Francis Saliba kif huwa talab. Il-Qorti tal-Appell mhux qiegħda hemm biex tisma' xhieda ġodda. In effett fil-proċeduri quddiem il-Prim' Awla, ir-rikorrent kellu l-opportunità li jippreżenta affidavit tal-imsemmi huh Francis Saliba (fol.175). L-istess xhud rega gie prodott biex jixhed mill-istess rikorrenti (fol.561). Kwindi dak kollu li kellu xi jgħid dan l-istess xhud inġieb a konjizzjoni tal-Ewwel Qorti u kwindi ukoll tal-Qorti tal-Appell. Hu zgur ghalhekk li r-rikorrent ma ġiex imċaħħad mid-dritt tieghu li jipproduci xhud. Jista jkun li l-Qorti tal-Appell naqset li tipprovdi dwar t-talba in kwestjoni tar-rikorrenti pero' jista jkun ukoll li fl-imsemmija cirkostanzi dik il-Qorti ma ħassitx il-bżonn li dan ix-xhud jinstema mill-gdid. Ghalhekk ma jistax jinghad li n-nuqqas ta' provvediment mill-Qorti tal-Appell dwar talba biex jerga jinstema x-xhud Francis Saliba jammonta għall-vjolazzjoni ta' xi dritt kostituzzjonali tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti jilmenta ukoll dwar il-fatt li l-intimati Zammit Tabona (atturi fil-proceduri in kwestjoni) minflok ma pprezentaw prospett tad-danni kif kienu awtorizzati li

jaghmlu mill-Prim Awla, pprezentaw fit-13 ta’ Novembru 2006 affidavit ulterjuri tal-attur Dottor Zammit. In effett ir-rikorrenti b’rikors talab l-isfilz tal-imsemmi affidavit ulterjuri peress li skond l-istess rikorrenti l-affidavit in kwestjoni jikkostitwixxi prova gdida minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti u l-istess affidavit gie ppresentat wara li l-istess intimati (atturi) kienu ghalqu l-provi taghhom. Permezz ta’ dikriet tal-4 ta’ Marzu 2008, il-Prim’Awla cahdet l-imsemmija talba tar-rikorrent. Lanqas hawnhekk ma tirriżulta xi vjolazzjoni ta’ xi dritt fondamentali tar-rikorrent. Ovvjament il-Prim Awla għandha d-diskrezzjoni u l-fakoltà li tmexxi l-kawża quddiemha fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Il-Prim Awla ma kenitx tal-fehma li kellha tordna l-isfilz tal-imsemmi affidavit, u dan ma jwassal għal xejn li hu illegali jew anti kostituzzjonali.

Lanqas ma jirriżulta xejn irregolari fil-prospett tad-danni li gie effettivament ippreżentat mill-atturi. Inoltre r-rikorrent jilmenta ukoll illi min għamel il-valutazzjoni ma kkonfermahx bil-ġurament (fol 890) tali valutazzjoni. L-ilment tar-rikorrenti hu fis-sens li nonostante li dan il-prospett ma ġiex ikkonfermat bil-gurament, il-Qorti xorta aċċettatu u straħet fuqu biex tillikwida d-danni pretiżi mill-atturi Zammit Tabona. Effettivament il-kompitu ta’ din il-Qorti hu li tara li ġew osservati l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal Kap 319. Il-mod kif il-Qorti evalwat u analizzat il-provi biex tillikwida d-danni ċertament ma jinkwadrax f’dan l-imsemmi kompitu. Inoltre din il-kwestjoni giet ukoll sollevata u deciza mill-Qorti tal-Appell, u kwindi ma hemm bżonn li jingħad xejn aktar f’dan ir-rigward.

Fid-dawl ta dak kollu li gie premess jista jinghad li bl-ebda mod ir-rikorrent ma rnexxielu jipprova t-talbiet tiegħu u kwindi bl-ebda mod ma jirrizulta li b’xi mod gie lez fil-konfront tieghu d-dritt tas-smigh xieraq kif protett kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni. Konsegwentement l-istess talbiet jisthoqqilhom li jigu kollha rigettati.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha kontra tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet tichad it-talba. L-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------